MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 485/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi r-rikorrenti A B u l-konvenut C B zzewgu fl-ghoxrin (20) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tmenin (1985) kif irrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. CC1;

2. Illi z-zwieg li ghalih saret referenza fil-paragrafu precedenti ma kienx l-ewwel zwieg ta’ l-intimat stante l-fatt li l-istess intimat kien mizzewweg u kien bena familja gewwa l-Awstralja, liema zwieg falla;

3. Illi konsegwenza tal-falliment ta’ dan iz-zwieg, l-ewwel mara ta’ l-intimat baqghet tghix gewwa l-Awstralja flimkien maz-zewg uliedhom minuri;

4. Illi l-falliment ta’ dan iz-zwieg kif ukoll il-fatt li l-intimat gie sseparat minn uliedu affettwa mhux ftit l-istat mentali u emozzjonali ta’ l-istess intimat;

5. Illi l-intimat beda l-proceduri ghas-separazzjoni u annullament ta’ l-ewwel zwieg tieghu fil-Qrati Maltin;

6. Illi kien f’ dan iz-zmien hekk turbolenti li l-intimat iltaqa’ mar-rikorrenti;

7. Illi r-rikorrenti hasset kompassjoni ghall-intimat li kien ghaddej minn zminijiet difficli hafna u ghalhekk iddecidiet li tkun ta’ spalla ghalih specjalment waqt il-proceduri ta’ separazzjoni u annullament;

8. Illi l-proceduri ta’ separazzjoni u annullament bejn l-intimat u l-ewwel mara tieghu kienu l-bazi u l-qofol tar-relazzjoni bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi;

9. Illi fis-sens elf disa’ mija u erbgha u tmenin (1984) iz-zwieg bejn l-intimat u l-ewwel mara tieghu gie ddikjarat null u bla effett;

10. Illi ftit tax-xhur wara, ezattament fis-sena elf disa’ mija u hamsa u tmenin (1985) il-partijiet izzewgu;

11. Illi dan iz-zwieg kien biss rizultat ta’ kompassjoni da parti tar-rikorrenti ghall-passat pjuttost iebes ta’ l-intimat u mhux ibbazat fuq imhabba reciproka u kompatibbilita’ ta’ karattru;

12. Illi z-zwieg bejn il-partijiet kien wiehed ta’ malajr bir-rit civili biss u l-partijiet ma kellhomx l-opportunita’ li jsiru jafu lil xulxin verament u dan stante l-fatt li kienu kkoncentraw il-forzi kollha taghhom fuq il-proceduri legali kollha dwar l-ewwel zwieg ta’ l-intimat;

13. Illi l-partijiet irrealizzaw li l-uniku bazi tar-relazzjoni taghhom kien l-ghan li l-intimat jiehu s-separazzjoni u l-annullament minn ma' l-ewwel mara tieghu u gjaladarba dan l-ghan kien intlahaq, l-istess partijiet ma kellhom xejn aktar in komuni u li seta' jghaqqadhom;

14. Illi effettivament wara erba' (4) snin biss ta' zwieg il-partijiet gja kienu separati permezz ta' kuntratt u dan wara li l-intimat sahansitra rega' kellu relazzjoni ma' l-ewwel mara tieghu;

15. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b' qerq dwar kwalita' ta' l-intimat li mix-xorta fixklet serjament il-hajja mizzewga;

16. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

17. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-artikoli 19(c) u 19(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li permezz taghha l-konvenut jeccepixxi li, filwaqt li jaqbel man-nullita' taz-zwieg, jikkontesta l-*caput nullitatis* attribwit lilu taht il-paragrafu [c], u jammetti r-responsabbilita' kongunta taht il-paragrafu [d] ta' l-artikolu fuq indikat;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-20 ta' Lulju 1985 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c] u [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.
Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li ma jikkontestax it-talba, qed jikkontesta t-tort attribwit lilu taht il-paragrafu [c] ta' l-artikolu precitat.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Lulju 1985 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa tlett snin, u meta allura l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 30 sena, u seba' xhur wara li l-konvenut kien ottjeni l-annullament ta' l-ewwel zwieg tieghu.

Fit-8 ta' Settembru 1988 twieled l-ewwel wild tal-partijiet, izda l-hajja matrimonjali kienet diga' mizewda b' hafna nkwiet, tant li ftit wara, il-konvenut beda proceduri ghas-separazzjoni u, eventwalment, fis-6 ta' Settembru 1989 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Wara ftit taz-zmien il-partijiet regghu bdew jikkoabitaw b' tentattiv ta' rikonciljazzjoni, bir-rizultat li circa sena wara s-separazzjoni twieled it-tieni wild tal-partijiet fit-18 ta' Jannar 1991. Izda l-affarijiet ma trangawx, u l-kumplament tal-konvivenza matrimonjali kienet karatterizzata minn nuqqas ta' interess fiz-zwieg u fl-attrici da parti tal-konvenut. Eventwalment l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tispjega li hija kienet iltaqet mal-konvenut meta kellha dsatax [19] – il sena u hu kellu circa seba' u ghoxrin [27] sena, u meta l-istess konvenut kien ghaddej mill-

proceduri ta' separazzjoni minn ma' martu ta' dak iz-zmien, fil-qrati Maltin.

Tghid li f' dak iz-zmien il-konvenut kien mizzewweg mara li minnha kellu zewgt itfal u li kienu jghixu l-Awstralia. Meta dawn it-tfal kienu ghadhom zghar hafna, il-konvenut talab ghas-separazzjoni minn ma' l-allura martu; u kien matul dawn il-proceduri li hu kien Malta u li kien iltaqa' ma' l-attrici li kienet issostnih attivament anke finanzjarjament tul dawk il-proceduri. L-attrici tghid li fil-perijodu tan-namur bejnha u bejn il-konvenut id-diskors kien dejjem fokat fuq is-separazzjoni li kien ghaddej minnha l-konvenut.

Eventwalment huwa ottjena l-annullament permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru 1984; u seba' [7] xhur wara, il-partijiet izzewgu.

L-attrici tghid li, mill-bidu nett, il-konvivenza matrimonjali kienet mxaqqa b' litigji kontinwi, kawzati mill-fatt li l-konvenut kien ta' spiss jikkomunika ma' l-ex mara li kellu sabiex jsaqsi fuq l-andament tat-tfal tieghu. L-attrici kienet toggezzjoni bil-qawwa ghal dan il-fatt, u kienet takkuza lill-konvenut li kienu ghadu affezzjonat ghall-ewwel mara tieghu, ghalkemm kienet fl-Awstralja. Sussegentement din nizlet Malta bit-tfal, u l-konvenut mar jilqaghhom l-airport, u kien oggezzjoni li l-attrici tmur mieghu.

L-attrici ssostni li, wara li l-ex martu nizzlet Malta, hija skopriet li zewgha rega' beda jkollu relazzjoni maghha. Dan il-fatt ipprecipita l-inkwiet bejn il-partijiet, u fis-sena 1989, il-konvenut talab is-separazzjoni personali minn ma' l-attrici, bir-rizultat li fis-6 ta' Settembru 1989, iffirmaw il-kuntratt.

Eventwalment, l-attrici, li f' dak iz-zmien kellha l-kura ta' l-ewwel wild tal-partijiet, accettat li tipprova tirrikoncilja ma' zewgha, u ghalhekk regghet dahlitu fid-dar, bir-rizultat li <u>wara ftit taz-zmien</u> hija harget tqila mill-konvenut, bit-tieni wild taghhom li twieled fit-18 ta' Jannar 1991.

Izda l-inkwiet matrimonjali kompla u aggrava ruhhu, u eventwalment il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali. L-attrici takkuza lill-konvenut li dan qatt ma refa' r-responsabbilita' taz-zwieg, u l-oneru waqa' kollu fuqha. Di piu, huwa ma kienx juri nteress fiha, la emozzjonali u lanqas fiziku, u kienet l-attrici li kienet tavvicina lill-konvenut ghar-relazzjonijiet intimi, filwaqt li dan ta' l-ahhar kien juri riluttanza li jkollu x' jaqsam ma' martu.

*Verzjoni Konvenut*
In sostanza, dan jaghti verzjoni tal-fatti li tikkonforta dik moghtija mill-attrici. Huwa jghid li fiz-zmien tal-proceduri tas-separazzjoni minn ma' l-ewwel mara tieghu, huwa kien ghaddej minn zmien difficli u ta' ansjeta,' u jghid li fl-attrici sab hafna appogg u konsolazzjoni; hija kienet tghinu anke finanzjarjament.

Il-konvenut jikkonferma li l-inkwiet fiz-zmien beda mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali peress li l-attrici kienet thossha imwegga' hafna meta hu kien icempel lil ex mara tieghu biex jstaqsi fuq uliedu. Jammetti pero' li lill-attrici ma kienx verament ihobbha u kien accetta li jizzewwigha minhabba li hi kienet ghenitu hafna matul il-proceduri. Fi kliemu: "Jien dik il-mara dejjem irrispetajtha, u dejjem ridt naghmel maghha ta' li ghamlet mieghi, qisni ridt nirringrazzjaha, u qatt ma ridt imweggaghha.." [Fol.58].

Huwa jispjega li meta kien accetta li jizzewweg lill-attrici, dan ghamlu mhux ghax kien verament ihobbha, izda ghax ma riedx iweggaghha emozjonalment minhabba dak li kienet ghamlet mieghu. Dan jispjega l-ghaliex wara s-separazzjoni konsenswali minn ma' l-attrici huwa accetta li l-partijiet jipprovaw jirrikonciljaw.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-Qorti f' dan il-kaz tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, u dan peress li fiz-zmien li huwa accetta li jizzewweg lill-attrici, huwa kien ghaddej minn perijodu difficli f' hajtu ta' ansjeta' li kien impedih milli jaghraf sewwa l-pass li kien ser jaghmel. Barra minnhekk,

anke l-fatt li huwa kien izzewweg lill-attrici, speci bhala hlas, ta’ dak kollu li kienet ghamlet mieghu, minghajr ma qaghad jirrifletti dwar l-import tal-konvivenza matrimonjali maghha, huwa evidenza ta’ difett serju da parti tieghu ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja konjugali. Huwa zzewweg mara li fir-realta’, ghalkemm kien sabha appogg komdu ghalih, huwa ma kienx ihobb, imma biss jirrispetta u kien grat lejha ghal dak kollu li hi kienet ghamlet mieghu. Dan kien ta’ ostakolu serju ghalih li jghix ma’ l-attrici f’ unjoni diretta lejn il-benessere reciproku bil-ghan li tigi stabbilita komunjoni ta’ hajja u ta’ mhabba. Il-provi juru li l-konvenut ma kienx kapaci li jassumi ma’ l-attrici dan l-obbligu, , necessarju ghaz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta’ Lulju 1985.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------